MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Numru. 1007/2003

PULIZIJA
SPETTUR R. MERCIECA
SUPT C. MAGRO
VS
GEORGE FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat George Farrugia ta' 43 sena bin Nicholas u Rose nee' Farrugia, imwieled Cospicua, fis-6 t' Awissu 1960, u l-ahhar indirizz maghruf huwa 'St Joseph Flats', Flat No 6, Triq Testaferrata Gzira. Detentur tal-karta ta' l-identita' numru 554160(M), akkuzat talli:

Fil-5 ta' Dicembru 2003 ghal habta ta' xi sitta ta' filghaxija gewwa City Gate Bus Terminus, Floriana, ikkaguna offiza li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' Anthony Azzopardi mill-Hamrun, skond kif iccertifika Dr Greta

Mifsud MD Reg No 2760, ta' l-Isptar San Luqa u dan bi ksur tal-artikolu 218(1)(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-wicc ta' Anthony Azzopardi mill-Hamrun, skond kif iccertifika D rGreta Mifsud MD Reg No 2760 ta' l-Isptar San Luqa u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214 tal-Kap 9, tal-ligijiet ta' Malta;

Ghamel offiza gravi fuq il-persuna ta' Anthony Azzopardi mill-Hamrun skond kif iccertifika Dr Greta Mifsud MD Reg No 2760, ta' l-Isptar San Luqa u cioe' sfregju fil-wicc ta' Anthony Azzopardi, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli huwa recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra u dan ai termini ta' l-artikolu 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat illi l-imputat m'ghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tal-15 ta' Dicembru 2003, fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Art 214, 218, 49, 50, u tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------